# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 1

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1

It-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:55 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Paul Radmilli, tas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai u tas-Sur Maximillian Zammit u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

1.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 88 li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2017, kienu meħuda bħala moqrija.

1.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 1.3 Komunikazzjoni mill-President

1.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li ser tinżamm mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u ma' Ta' Xbiex sabiex tiġi diskussa l-proċess dwar l-fondi li ser jingħataw mid-Dipartiment għal Gvern Lokali taħt l-iskema finanzjarja – *Community Innovation Fund*.

## 1.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

1.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

1.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

1.4.3 Peress li l-Accountant, is-Sur Daniel Galea, kien għadu ma wasalx, il-President mexa għal fuq l-*item* li kien imiss fuq l-aġenda – Item 1.6.

1.4.4 ***18:07 pm - Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manchè, wasal għal din il-laqgħa.***

## 1.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Aġġornament fuq l-inizjattiva finanzjarja dwar ix-xogħolijiet fit-Toroq bit-Tarmak***

1.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li nhar il-Ħamis 19 ta' Ottubru 2017, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dan ir-Reġjun, is-Sinjura Galea, iffirmaw l-*Memorandum of Understanding* fuq din l-inizjattiva.

- *Kontijiet bankarji*

1.6.2 Il-President informal ill-membri li dan ir-Reġjun għandu bżonn jiftaħ żewġ kontijiet bankarji mal-BOV sabiex il-fondi mgħoddija mid-Dipartiment għal Gvern Lokali f'isem il-Gvern Ċentrali jitpoġġew f'kontijiet separate.

1.6.3 Kien hemm qbil unanimu dwar dan bejn il-membri preżenti.

- *Kjarifikazzjonijiet fuq il-ħaddiema ta' l-RSSL*

1.6.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti dwar l-użu tal-van personali tal-ħaddiema waqt li jkunu assenjati mal-Kunsilli Lokali. Ir-Reġjun kien qiegħed iħallas dawn l-ispejjez meta ix-xogħol kien qed jingħata lill-Kunsill Lokali kkonċernat. Għal din ir-raġuni l-ħlasijiet li saru għandhom jiġu rifonduti lir-Reġjun u fl-aħħar ta' kull xhar ir-Reġjun għandu jibgħat *invoice* sabiex l-ispiża tiġi rifonduta lura lir-Reġjun.

1.6.5 Kien hemm qbil unanimu dwar dan bejn il-membri preżenti.

1.6.6 Il-President informa lill-membri li dawn il-ħaddiema ma jistgħux jintbagħtu fil-banek sabiex jagħmlu d-depożitu tal-flus. Il-Kunsill Lokali huwa responsabli li jqabbad kumpanija tas-sigurtà sabiex jagħmel dan it-trasferiment.

1.6.7 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

1.6.8 Il-ħaddiema għandhom jingħataw tabella ta' parkeġġ bid-data u ħin f'lokalitajiet fejn ikun ferm diffiċċli biex wieħed isib parkeġġ. Din it-tabella għandha tingħata waħda filgħodu.

1.6.9 Il-President spjega li l-ħaddiema għandhom jingħataw *barriers* apposta sabiex ikunu jistgħu jagħlqu Triq waqt li jkunu qedin isiru x-xogħolijiet, bħal xogħol ta' *refreshing*. Il-vann tal-ħaddiema m'għandhux ikun *barrier* biex jippreveni t-traffiku milli jgħaddi.

1.6.10 Il-President informa wkoll li materjal goff ma jistax jinġarr minn dawn il-ħaddiema. Il-Kunsill rispettiv għandu jqabbad xi ħadd speċifikat sabiex isir dan ix-xogħol. Ir-Reġjun mhux ser jinżamm responsabli jekk il-van tal-ħaddiem jiġi milqut.

- *Ikla tal-Milied*

1.6.11 Il-President informa lill-membri li l-ikla tal-Milied ser tinżamm nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017. Aktar dettalji dwar dan ser jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

1.6.12 Il-President informa lill-membri dwar l-*email* mingħand dan il-Kunsill sabiex jitlob l-approvazzjoni biex tintnefaq l-ispiża ta' €1,517.48 sabiex isiru xogħolijiet ta' tabelli u sinjali.

1.6.13 Il-Membri approvaw unanimament.

- *Kunsill Lokali Imsida*

1.6.14 Il-President informa lill-membri dwar l-*email* mingħand dan il-Kunsill biex jinfurmah li

twettaq xogħol estensviv ta’ tarmak fi Triq Nazzju Falzon, Imsida, għas-somma ta’ €22,748.66.

1.6.15 Il-membri unanimament approvaw din l-ispiża.

1.6.16 *18:08pm – Is-Sindku ta’ Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, skuża ruħu mill-laqgħa.*

## 1.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

1.7.1 Is-Sindku ta’ l-iklin, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis-Sindku ta’ San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 1A u 1B.

1.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 1.8 **Mozzjonijiet**

1.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

1.8.2 *18:13pm – is-Sindku ta’ Ħ’Attard, is-Sur Stefan Cordina, skuża ruħu mill-laqgħa.*

## 1.5 Rapporti

1.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, stieden fil-kamra lill-*Accountant* tar-Reġjun, lis-Sur Daniel Galea, sabiex jgħati spjegazzjoni dwar ir-rapport – *Quarterly Financial Report* għal perjodu minn Lulju 2017 sa Settembru 2017.

1.5.2 Wara l-ispjegazzjoni dettaljata dwar il-pożizzjoni finanzjarja, il-membri preżenti unanimament approvaw dan ir-rapport.

## 1.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

1.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:40 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta’ Novembru 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 22 ta’ Novembru, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |